MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2015

Numru. 581/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Cuschieri)**
**Vs**

**MARGHERITA SIMONA GIUDETTI**

**(hawn aktar l-isfel magħrufa bħala "l-estradand")**

**Illum l-Erbgha 22 ta' Lulju 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **MARGHERITA SIMONA GIUDETTI, ta' 34 sena, ta' nazzjonalita Taljana, imwielda f'Putignano, fl-Italja, nhar l-14 ta' Awwissu 1980, bint Vito u Teresa nee` Manosperti, pussessur ta' passaport Taljan bin-numru AA2022302, residenti lokalment f' Harbour View Place, Flat 7, Triq ir-Ridott, Xemxija.**

Wara li rat ix-Schengen Information System Alert (aktar ‘l isfel imsejjah “SIS Alert”) u l-Mandat t’Arrest Ewropew datat 15 ta’ Lulju 2015 fil-konfront ta’ **MARGHERITA SIMONA GIUDETTI**, u wara li rat ic-Certifikat tal-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 7 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05;

Wara li semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mill-Avukati tad-Difiza ta’ l-estradand;

Wara li semghet lil **MARGHERITA SIMONA GIUDETTI** tikkonferma li hija dik il-persuna ghal-liema inhareg ‘il fuq imsemmi SIS Alert u Mandat t’Arrest Ewropew;

Tiddikjara, ai termini tal-Artikolu 10 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, li l-persuna li qed tidher quddiem din il-Qorti hija fil-fatt l-istess persuna kontra min inhareg il-Mandat t’Arrest Ewropew datat 15 ta’ Lulju 2015 taht Taqsima II ta’ l-imsemmi Avviz Legali kif emendat;

Wara li ai termini tal-artikolu 11 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, il-Qorti infurmat lill-estradand dwar il-kontenut tal-Mandat ta’ Arrest Ewropew mahrug kontra taghha;

Wara li tat lill-estradand dik l-informazzjoni necessarja dwar il-kunsens ai termini ta’ l-Artikolu 11 (2) tal-istess imsemmi Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05,

Wara li spjegat lill-estradand l-import ta’ l-Artikolu 43 ta’ l-Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05,

Wara li semghet lill-estradand **MARGHERITA SIMONA GIUDETTI** tiddikjara li hija **qieghda taghti l-kunsens taghha sabiex tintbaghat lura l-Italja**, u li hija mhux qed tirrinunzja ghad-dritt ta’ specjalita` koncess ai termini ta’ l-Artikolu 18 ta’ l-Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05,

Wara li rat l-artikoli 43 u 45 (3) (a) tal-Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, tordna li l-estradand **MARGHERITA SIMONA GIUDETTI** kif imsemmija u deskritta fl-istess SIS Alert u Mandat t’Arrest Ewropew tinzamm taht kustodja sabiex tistenna l-estradizzjoni taghha lejn il-pajjiz skedat, u cioe` l-Italja, u dan fi zmien ghaxart (10) ijiem mil-lum stess.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------